# Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## KUMP. NRU. 791/2023: **IR-REPUBBLIKA TA' MALTA V. MATIAS PANSA (P.A. AAH 134 249)**

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**9 ta' Ottubru 2023**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Matias Pansa ta' sebgħa u għoxrin (27) sena ("l-imputat"), iben Luis Angel Pensa u Patricia del Carmen xebba Boiero, imwieled fl-Arġentina nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' April tas-sena elf disgħa mija u disgħa u disgħin (1996), bla indirizz fiss f'dawn il-gżejjer u detentur tal-passaport Arġentin bin-numru AAH 134 249, u ċioe talli fil-ħamsa ta' Ottumbru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), bejn is-sagħtejn u s-sagħtejn u nofs (02.30am) ta' filgħodu ġewwa Insta Store, fi Triq il-Profs. Walter Ganado, Pembroke, u/jew f'diversi bnadi oħra f'dawn il-ġżejjer:

1. **Ikkommetta serq bi sgass ta' flus u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, ħin u valur, liema valur tal-haġa misruqa tiswa aktar aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa utletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' Clint Cordina u/jew persuni ohra (Artikoli 261 (b)(c)(f), 263 (a), 267, 270, 278, 279 (a), 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);**

2. **Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor ossia ħwejjeġ ta' l-allegata vittma Clint Cordina, liema ħsara hija ta' l-ammont li jeċċedi l-elfejn u ħames mitt ewro (€ 2,500.00) (Artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta),**

wara li rat illi ġiet mitluba ukoll illi f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u/jew 28H tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi,

wara li rat li ġiet mitluba ukoll illi f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta,

wara li rat illi rat li fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2023, meta l-imputat kien tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja, sar l-eżami tiegħu u huwa wieġeb li kien ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

wara li rat li l-Qorti kienet wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u tatu ftit taż-żmien billi pposponiet il-kawża għal ftit minuti, biex jekk iridu jerġa' lura minnha u dan wara li jkollu l-opportunita li jikkonsulta mill-ġdid mal-avukati tiegħu,

wara li rat illi l-imputat kkonferma li kien qed iżomm ferm fuq l-ammissjoni tiegħu għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih,

wara li rat illi fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2023 il-Prosekuzzjoni kkonfermat illi l-parti offiża kien tħallas l-ammont ta' € 2,500 u li huwa kien kuntent b'dan l-ammont minkejja illi huwa kien sofra danni f'ammont li jeċċedi din is-somma,

qed tagħti din is-

## Sentenza

Il-Qorti qieset illi l-imputat apparti li għamel ammissjoni bikrija wera rimors għall-azzjonijiet tiegħu u fl-istess ħin ikkumpensa lill-parti offiża f'ammont għall-ħsarat li kkawżalu. Inoltre l-flus misruqa ġew irritornati ukoll lill-parti offiża.

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti fil-liġi u ċioe l-Artikoli 261 (b)(c)(f), 263 (a), 267, 270, 278, 279 (a), 280 u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u minflok timponi piena karċerarja qed toħroġ ordni ta' *probation* għall-perjodu ta' sena taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess ordni. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħra tal-Prosekuzzjoni in kwantu ma tqabbdu l-ebda esperti u in kwantu l-parti offiża ġiet ikkumpensata b'mod sodisfaċenti. Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja *scanned* tal-atti inkluż ta' din is-sentenza.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y. M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |